Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 47/2015

**Jonathan Grech (appellat)**

**v.**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta (appellant)**

16 ta' Ottubru, 2018

1. Ir-rikorrent kien ippropona proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, wara li rcieva ittra datata 8 ta' Lulju, 2015, minghand l-Awtorità intimata, li permezz taghha, filwaqt li ghamlet referenza ghal zewg incidenti u spezzjoni, fejn ir-rikorrent kien il-kaptan tal-bastimenti kummercjali nvoluti, nfurmatu bid-decizjoni taghha fis-sens li:

   *"i) B'effett mit-13 ta' Lulju 2015, tordna u timponi s-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) tieghek (dokument Numru TM/PYD/44/01/392/588) u dan sakemm terga' toqghod ghall-ezami u tikseb rizultat pozittiv, u cjoè tghaddi mill-ezami, kif mehtieg ghall-hrug ta' dan ic-Certifikat, izda liema zmien ta' sospensjoni mhuwiex anqas minn tlett xhur (3) xhur mit-13 ta' Lulju 2015;*

   *ii) Twissik b'mod ufficjali illi f'dan il-perijodu ta' sospensjoni tas-COC, inti ma tistax thaddem, topera u ssuq, jew tkun parti mill-ekwipagg ta', bastimenti kummercjali; u*

   *iii) Twissik b'mod ufficjali illi jekk ikun hemm xi ksur iehor ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi, hija ser tiehu dawk il-passi necessarji skont il-ligi fil-konfront tieghek, li jinkludu r-revoka ta' certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali".*

2. Ir-rikorrent talab li t-Tribunal jilqa' l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Awtorità intimata billi tigi revokata dik id-decizjoni u li konsegwentement ikun jista' jkompli jopera n-negozju tieghu, minghajr ma jkun milqut minn ebda sospensjoni u twissija ufficjali u f'kaz li t-Tribunal jiddeciedi li kien hemm il-ksur allegat mill-Awtorità intimata, tinghata sanzjoni aktar ekwa skont il-kaz, li ma taffetwax l-operat tan-negozju tieghu u li ma jkunx hemm sospensjoni tal-licenzji tieghu.

3. Permezz tas-sentenza tal-24 ta' Mejju, 2016, it-Tribunal laqa' l-ewwel aggravju tar-rikorrent u ddikjara d-decizjoni appellata bhala nulla ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghaldaqstant irrevokaha, bl-ispejjez kontra l-Awtorità intimata, ghas-segwenti ragunijiet:

*"Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni mibghuta mill-Awtorita` intimata datata 8 ta' Lulju 2015 u intitolata "Sospensjoni Immedjata u Twissija Ufficjali" li ghamlet referenza ghal incident li sehh fl-14 ta' Gunju 2015 abbord il-bastiment SEA ADVENTURE, ghal incident li sehh bl-istess bastiment fis-17 ta' Gunju 2015 u spezzjoni li saret minn ufficjali tal-Awtorita` intimata fuq il-bastiment LA LAGUNA fis-6 ta' Lulju 2015. In vista' ta' dan l-Awtorita` intimata issospendiet ic-Certfikat ta' Kompetenza (COC) tar-rikorrent sakemm huwa jerga' joqghod u jghaddi mill-ezami filwaqt li wissietu biex fil-perjodu ta' sospensjoni ma joperax, ihaddem, isuq jew ikun parti mill-ekwipagg ta' ebda bastiment kummercjali, u li jekk ikun hemm xi ksur ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi l-istess Awtorita` kienet se tiehu dawk il-passi necessarji fil-konfront tieghu li jinkludu r-revoka tac-certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali.*

*"Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu ir-rikorrent qieghed isostni li s-sucitata decizjoni hija wahda nulla ghaliex l-Awtorita` intimata ma segwietx dak li tiddetta l-ligi qabel ma tohrog decizjoni finali. Ir-rikorrent qieghed isostni illi qabel l-Awtorita` setghet tiehu decizjoni finali fil-konfront tieghu hija kellha taghtih l-opportunita` li huwa jressaq is-sottomissjonijiet tieghu. In sostenn ta' dan ir-rikorrent jiccita Regolament 62 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 (Regolamenti Dwar il-Bastimenti Kummercjali) fejn fis-subregolament (3) u (6) tal-istess Regolament insibu s-segwenti:-*

*"(3) Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma l-persuna li fuqha tkun ser tiġi imposta l-penali bl-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż bil-miktub. Dak l-avviż għandu jindika li l-persuna konċernata għandha d-dritt li tagħmel dikjarazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fi żmien mhux inqas minn erbatax-il ġurnata billi tagħti raġunijiet għaliex il-penali amministrattiva m'għandhiex tiġi imposta; u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull dikjarazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha tavża lill-persuna konċernata bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub.*

*(6) Il-proċedura mniżżla fis-subregolament (3) għandha tapplika wkoll f'dawk il-każijiet fejn l-Awtorità tirrifjuta li tagħti jew iġġedded liċenza, ċertifikat jew permess, jew* ***tissospendi jew tħassar liċenza, ċertifikat***[1] *jew permess bħal dawn, jew timponi kull kundizzjoni, restrizzjoni jew esklużjoni fihom, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."*

*"Illi bhala fatt m'hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-Awtorita` intimata li dan il-pre-avviz ma nghatax lir-rikorrent. Madankollu l-istess Awtorita` qieghdha ssostni li tali azzjoni immedjata kienet necessarja stante li l-incidenti in kwistjoni kienu jinvolvu kwistjonijiet ta' sahha u sigurta` u ghaldaqstant ghall-istess Awtorita` dan kien kaz urgenti u preokkupanti. L-Awtorita` intimata tishaq illi hi ghandha r-rwol li tassigura s-sahha u s-sigurta` fl-ibhra Malti u fir-risposta taghha tikkwota kemm Regolament 52 u kemm Regolament 60 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23. Ghal intendiment ahjar tal-kwistjoni it-Tribunal se jiccita kemm Regolament 52 u kemm Regolament 60 u cioe`:-*

*"52. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ fl-eżerċizzju ta' dmirijietu jkun kiser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma jkunx obda xi ordni jew direttiva mogħtija mill-Awtorità, l-Awtorità għandha tagħti avviż lill-ħati li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista': (a) tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat ta' dak il-Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ; (b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat li trid titħallas lill-Awtorità fiż-żmien li jiġi stipulat fl-avviż, li fl-ebda każ ma jista' jkun ta' inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dawn ir-regolamenti*

[1] Enfazi tat-Tribunal.

*ma titħallasx fiż-żmien hawn qabel imsemmi, il-proċedimenti tas-soltu għal dak ir-reat jistgħu jittieħdu skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. (2) Is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikat jew il-ħlas ta' xi piena imposta taħt dan ir-regolament għandha titqies, għal kull skop u fini tal-liġi, bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat.*

*"60. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk sid jew Kaptan ta' bastiment jonqos milli jħares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew id-direttivi mogħtija mill-Awtorità jew il-pattijiet u l-kondizjonijiet tal-licenza, l-Awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bid-deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista': (a) tissospendi jew tirrevoka il-liċenza jew ċertifikat ta' dak il-bastiment u tista' titlob li s-sid ineħħi dak il-bastiment fiż-żmien u f'post li jidhrilha u jekk is-sid ma jobdihx, l-Awtorità tista' tordna t-tneħħija tal-bastiment b'riskju u bi spiża tas-sid; (b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat u li għandha titħallas lill-Awtorità fiż-żmien stipulat fl-avviż, li qatt ma għandha tkun inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dan ir-regolament ma tkunx tħallset fiż- żmien stipulat, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti tas-soltu għar-reat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. (2) Is-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenza jew taċ-ċertifikat jew il-ħlas ta' piena ordnata taħt dan ir-regolament għandhom għal kull fini tal-ligi, jitqiesu bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat, u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat."*

*"Illi minn ezami tar-Regolamenti citati mill-Awtorita` intimata ma jirrizultax illi l-Awtorita` ghandha xi diskrezzjoni li twarrab dak mitlub minnha f'Regolament 62(3) citat iktar 'il fuq. Bil-kontra, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, Regolament 52 u 60 citati mill-Awtorita` intimata proprju jaghtu ragun is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ghaliex dawn jibdew bil-frazi "Minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti..." li jfisser illi Regolament 52 u 60 m'ghandhomx jigu applikati minghajr osservanza ta' Regolament 62 u jiddispensaw mill-pre-avviz li ghandu jinghata lil min allegatament ikun agixxa bi ksur tal-ligi.*

*"Illi dan it-Tribunal jista' jifhem u japprezza illi l-Awtorita` intimata tkun pre-okkupata meta jkun hemm ksur tal-ligi marittima specjalment fejn jidhlu sigurta` ta' bastimenti u individwi, pero` l-istess ligi li minnha jemanu l-funzjonijiet u poteri taghha u r-Regolamenti mfassla tahtha ma jaghtu l-ebda poter lill-istess Awtorita` biex tiehu azzjoni immedjata bhal dik li hadet fil-kaz odjern. It-Tribunal ezamina Regolament 39*[2] *tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja u citat mill-Awtorita` intimata pero` fl-umli opinjoni ta' dan it-Tribunal lanqas dan ir-Regolament ma jista' jinftiehem li permezz tieghu tista' tigi mwarrba l-procedura stabbilita fir-Regolament 62 u cioe` li min ikun se jigi milqut b'xi sanzjoni amministrattiva irid jigi moghti pre-avviz tal-intenzjoni tal-Awtorita` sabiex huwa jkun fi grad li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu.*

*"Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Awtorita intimata naqset milli timxi mal-procedura stabbilita fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 u ghaldaqstant id-decizjoni datata 8 ta' Lulju 2015 mibghuta lir-rikorrent hija wahda nulla".*

4. L-intimata appellat mis-sentenza tat-Tribunal bl-aggravju jkun li:

   *"... illi kuntrarjament ghal dak li ddecieda t-Tribunal fis-sentenza appellata, l-Awtorita' ghandha d-diskrezzjoni u l-poter li tordna sospensjoni immedjata ta' licenza meta hemm ragunijiet tajba biex taghmel dan".*

---

[2] *"Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha tabroga l-awtorità tal-Awtorità fil-ħtieġa ta' kontroll fuq is-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis minn xi bastiment kummerċjali f'xi port u l-ibħra territorjali u interni ta' Malta."*

5. Ir-rikorrent ma pprezentax twegiba izda ghas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018 attendiet id-difensur tieghu u saret it-trattazzjoni.

**Fatti**

(i) Sehh incident fl-14 ta' Gunju, 2015, abbord il-bastiment SEA ADVENTURE, li fih wegga passiggier li kien membru tal-ekwipagg ta' bastiment kummercjali iehor u l-Awtorità appellanti xliet lill-appellat li naqas milli jaghmel rapport lill-Awtorità, kif mehtieg skont ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummercjali (L.S. 499.23);

(ii) Incident iehor sehh bl-istess bastiment fis-17 ta' Gunju, 2015, fejn jinghad mill-Awtorità li l-appellat aghmel hsara lill-baga tal-kanal navigabbli proprjetà taghha, waqt li kien fil-limiti ta' Blue Lagoon; u

(iii) Minn spezzjoni li saret minn ufficjali tal-Awtorita` intimata, fuq il-bastiment LA LAGUNA fis-6 ta' Lulju, 2015, gewwa l-port tal-Imgarr, Ghawdex, irrizulta li kienu qeghdin jingarru hames passiggieri izjed milli suppost;

(iv) Dan wassal lill-Awtorità appellanti sabiex tohrog l-ittra datata 8 ta' Lulju, 2015, li b'effett mit-13 ta' Lulju, 2015, kienet qeghda tordna u timponi sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) tar-rikorrent sakemm huwa jerga' joqghod u jghaddi mill-ezami, filwaqt li wissietu biex fil-perjodu ta' sospensjoni ma joperax, ihaddem, isuq jew ikun parti mill-ekwipagg ta' ebda bastiment kummercjali, u li jekk ikun hemm xi ksur ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi, l-istess Awtorita` kienet se tiehu dawk il-passi necessarji fil-konfront tieghu li jinkludu r-revoka tac-certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali;

(v) Fil-11 ta' Lulju, 2015, l-avukat tar-rikorrent kitbet lill-Awtorità, li l-klijent taghha ma kienx qieghed jaqbel mad-decizjoni tal-Awtorità u li jekk isiru l-verifiki opportuni, l-Awtorità kellha tirrevoka d-decizjoni taghha u li fin-nuqqas, huwa kien ser jappella minn dik id-decizjoni. Kwindi talab li d-decizjoni tal-Awtorità tat-8 ta' Lulju, 2015 tigi sospiza sakemm il-klijent taghha jkun jista' jressaq l-appell tieghu skont il-ligi;

(vi) Permezz ta' komunikazzjoni elettronika tat-12 ta' Lulju, 2015, l-Awtorità wiegbet fis-sens li filwaqt li kienet qeghda tikkonferma d-decizjoni taghha ghas-sospensjoni, ladarba kien ser jigi ntavolat appell, l-istess sospensjoni giet sospiza u ma kinitx ser tidhol fis-sehh sakemm jinstema' l-istess appell.

**Konsiderazzjonijiet.**

6. Fl-appell tagħha, l-Awtorità tosserva li t-Tribunal ġustament ma daħalx fil-mertu dwar jekk l-Awtorità kinitx ġustifikata tordna s-sospensjoni immedjata tal-licenza ta' Grech, peress li l-pern tal-kwistjoni kienet jekk bħala prinċipju ġenerali, jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn l-Awtorità ma ssegwix il-proċedura stabbilita fir-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali, u minflok tordna sospensjoni immedjata. L-Awtorità tikkontendi li kellha raġuni valida li ma toqgħodx mal-proċeduri dettati mir-regolamenti, peress li l-inċidenti in kwistjoni kienu kwestjonijiet ta' saħħa u sigurtà, kwindi ta' natura urġenti. Tisħaq li bħala l-Awtorità responsabbli għall-bon ordni fl-ibħra territorjali Maltin, ma setgħetx tippermetti li individwu jopera ta' kaptan, ladarba jqum dubju dwar l-operat tiegħu, speċjalment fejn jidhu perikli għas-saħħa tal-ekwipaġġ u l-passiġġieri. Kwindi targumenta li r-Regolamenti m'għandhomx iżommu lill-Awtorità milli timponi sospensjoni mmedjata, f'ċirkostanzi li jagħtu lok għal preokkupazzjonijiet serji ta' saħħa u sigurtà. Tisħaq li *"sospensjoni immedjata"* xorta tirrispetta l-jeddijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq, peress li l-operatur xorta jista' jappella mid-deċiżjoni skont il-liġi, kif fil-fatt għamel u għad irid jiġi kkunsidrat fil-meritu quddiem it-Tribunal.

7. Il-qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellanti. Minn eżami tal-provvedimenti tal-liġi, jirriżulta li s-setgħat tal-Awtorità huma soġġetti għall-proċedura li tistabbilixxi l-liġi.[3] Dawn il-proċeduri *inter alia* jipprovdu li l-Awtorità għandha tinforma lill-persuna li fuqha ser tkun tiġi imposta penali jew deċiżjoni ta' sospensjoni ta' liċenzja u tagħti d-dritt lill-istess persuna tagħmel id-dikjarazzjonijiet tagħha fi żmien erbatax-il ġurnata billi tagħti r-raġunijiet tagħha għala l-penali amministrattiva jew sospensjoni ta' liċenzja m'għandhomx jiġu imposti u jingħad ukoll li **l-Awtorità għandha tikkonsidra kull dikjarazzjoni li ssir b'dan il-mod, qabel ma tasal għal deċiżjoni finali.** L-istess jingħad fir-rigward tal-Artikolu 46 tal-Kap.499 tal-Liġijiet ta' Malta[4], li l-appellanti rreferiet għalih fir-rikors tal-appell, u għalkemm huwa minnu li taħt is-sub-artikolu (1) tingħata *inter alia* s-setgħa lill-Awtorità li tissospendi liċenzja, donnha tiskarta l-istess proċedura stabbilita taħt is-subartikoli (6) u (7) tal-istess artikolu. Dawn huma identiċi għal dawk li hemm fil-Leġislazzjoni Sussidjarja.

8. Proċedura li l-appellanti għandha l-obbligu li ssegwi u li jirriżulta li f'dan il-każ ma segwitx. Ma jirriżultax lill-qorti li l-liġi tagħmel xi distinzjoni per eżempju skont kemm il-każ ikun serju.

[3] Regolament 62 (3) u (6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23, hekk kif ċitati mit-Tribunal.
[4] Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

9. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-procedura hija wahda li tirrifletti l-principju ta' gustizzja naturali, dak t'*audi alteram partem* li jiggarantixxi li kull individwu ghandu jinghata smiegh xieraq, mhux biss mill-qrati u mit-tribunali, izda minn kull awtorità amministrattiva, specjalment fejn din tezercita funzjoni kwazi-gudizzjarja u dan sabiex jigi garantit kejl minimu ta' trasparenza fl-amministrazzjoni. L-individwu ghandu jinghata l-opportunità li jiddefendi ruhu, *multo magis* f'kazijiet fejn bhal dak in ezami, d-decizjoni tista' taffetwa l-ghixien ta' persuna. In-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji ta' gustizzja naturali jwassal ghall-irritwalità tad-decizjonijiet maghmula u ghat-thassir taghhom. L-Awtorità appellanti *ex admissis* ma semghetx x'kellu xi jghid l-appellat Grech, qabel ma waslet ghad-decizjoni taghha ta' sospensjoni ta' licenzja. Kwindi mhux talli ma sarx smigh xieraq fil-konfront tal-appellat, talli lanqas biss sar smigh. Dan certament jikkostitwixxi ksur ta' procedura li nsibu fil-ligi u li l-istess Awtorità hi marbuta li ssegwi. L-eccezzjonijiet ghandhom jirrizultaw mil-ligi principali jew Legislazzjoni Sussidjarja u l-Awtorita m'ghandha l-ebda jedd li taghti lilha nnifisha poter li ma tirrizultax mil-ligi.

10. Kif kellha okkazjoni tosserva l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Borg v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku,** li kienet kawza ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv meta l-Awtorita fizikament hadet 9t-tag ta' *taxi driver* fil-pendenza ta' proceduri kriminali. Il-qorti qalet:

> *"Illi mill-provi mressqa waqt is-smigħ ta' din il-kawża, ħareg b'mod car li minn dak inhar li l-Awtorita' saret taf li l-attur kien ammetta l-akkużi mressqa kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati sad-data meta qatgħetha li tirtiralu t-tag, lill-attur la qatt bagħtet għalih u lanqas semgħet x'kellu xi jgħidilha. Ma hemm l-ebda dubju għalhekk li mhux talli ma sarx smigħ xieraq fil-konfront tiegħu imma lanqas biss sar smigħ. Din is-sura ta' mgieba tikkostitwixxi ksur fid-dieher tal-procedura specifika li l-istess Awtorita' hija marbuta li ssegwi taħt id-dispożizzjonijiet espressi tal-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta (jigifieri dak l-Att li bis-saħħa tiegħu twaqqfet l-Awtorita'). Dik il-procedura hija waħda tassattiva u tibda tgħodd sa minn "meta l-Awtorita' tkun qed tipproponi li ticħad li tagħti jew iccahhad licenza, jew li* ***tissospendi jew tħassar*** *licenza". It-tag li ttieħdet mingħand l-attur hija l-manifestazzjoni esterna tal-licenza li biha huwa seta' jaħdem bħala xufier ta' taxi;*
>
> *Illi l-Qorti tqis li fost il-mezzi l-iżjed fundamentali biex jitħares il-jedd tal-audi et alteram partem wieħed jista' jsemmi kemm il-ħtieġa tal-pre-avviż u kif ukoll dik tas-sehem effettiv fil-proċess li jkun se' jwassal għat-teħid tad-deċiżjoni amministrativa. Dwar il-pre-avviż, ingħad li: "Natural justice generally requires that persons liable to be directly affected by proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they may be in a position: (a) to make represenatations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet. ... In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to a denial of an*

*opportunity to be heard on that matter"[5]. Fil-każ tal-lum, l-attur ma ngħata l-ebda pre-avviż, imma biss tagħrif dwar deċiżjoni li kienet ittieħdet diġa'; …*

*"The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put at stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual."* [6] *Issa, fil-każ tal-lum, mhux talli l-leġislatur ma neħħiex din il-ħtieġa tal-ħarsien tal-prinċipju tas-smigħ xieraq minn każ bħal tal-attur, imma talli b'bidliet li daħħal fil-liġi fl-2008, stabilixxa espressament l-applikazzjoni tiegħu;"*

11. Meta tapplika dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, issib li hawn ukoll l-Awtorità skartat dan il-principju fundamentali. Dan apparti li fil-fehma tal-qorti f'dan il-kaz lanqas ma kien hemm kwistjoni ta' sahha u sigurta daqshekk urgenti, li jiggustifika l-agir tal-Awtorita. Wara kollox mill-provi rrizulta li kienet l-istess appellanti li ssospendiet id-decizjoni taghha sakemm jigi deciz dan il-kaz. Dan fih innifsu jmur kontra dak li qeghda ssostni l-Awtorita.

12. Il-konsegwenza tan-nuqqas tal-Awtorità li taghti lill-appellat l-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu, qabel ma tat id-decizjoni taghha, ghandha twassal ghat-thassir tal-istess decizjoni tal-Awtorità appellanti. Kif inghad fir-rigward minn Lord Wright fil-kawza Ingliza **General Medical Council v. Spackman**, deciza mill-House of Lords fl-1943:

    *"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice.* ***The decision must be declared to be no decision****".*

13. Ghaldaqstant, it-Tribunal qal sew li fin-nuqqas tal-Awtorità li timxi mal-procedura stabbilita fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23, id-decizjoni taghha tat-8 ta' Lulju, 2015 hi nulla u jsegwi li m'hemm ebda raguni valida ghalfejn l-appell ghandu jintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta bl-ispejjez kollha kontriha.**

Anthony Ellul.

---

[5] Evans *De Smith's Judicial Review of Administrative Action* (4th Edit.), paġ. 196

[6] Fil-każ ***L'Alliance des Professeurs Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec*** (1953) li, fis-sewwa, huwa meħud mid-*dictum* ta' Parke L.J. fil-kawża ***Bonaker vs Evans*** (1850) 16 Q.B. 162.